IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, il-21 ta' Frar 2017**

## Jeħtieġ li jkun hemm ġestjoni, finanzjament u monitoraġġ aħjar tan-netwerk Natura 2000, jgħidu l-Awdituri tal-UE

**Skont ma jgħid rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jeħtieġ li jsir titjib fil-ġestjoni, il-finanzjament u l-monitoraġġ tan-netwerk Natura 2000, il-programm emblematiku tal-UE għall-bijodiversità. Filwaqt li jagħrfu li n-netwerk Natura 2000 għandu rwol importanti fil-protezzjoni tal-bijodiversità, l-awdituri sabu nuqqasijiet fil-ġestjoni u nuqqas ta' informazzjoni affidabbli dwar l-ispejjeż u l-finanzjament. Il-finanzjament ma kienx adattat biżżejjed għall-ħtiġijiet tas-siti ambjentali.**

L-awdituri żaru 24 sit Natura 2000 fi Franza, fil-Ġermanja, fi Spanja, fil-Polonja u fir-Rumanija, biex b'hekk koprew il-biċċa l-kbira mir-reġjuni bijoġeografiċi fl-Ewropa, u kkonsultaw ma' diversi gruppi ta' partijiet interessati. Huma rrikonoxxew ir-rwol importanti tan-netwerk Natura 2000 fil-protezzjoni tal-bijodiversità, iżda kkonkludew li l-potenzjal sħiħ ta' dan in-netwerk ma kienx ġie implimentat.

"*It-twaqqif tan-netwerk Natura 2000 kien proċess twil, li issa jinsab fil-biċċa l-kbira lest. Biex jintlaħaq livell adegwat ta' protezzjoni tal-bijodiversità fis-siti Natura 2000, l-Istati Membri għadhom iridu jistabbilixxu miżuri ta' konservazzjoni xierqa, bil-finanzjament meħtieġ u b'sett komplut ta' indikaturi li jkejlu r-riżultati li jinkisbu,*" **qal Nikolaos Milionis, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport**.

L-awdituri sabu li l-Istati Membri ma kinux qed jimmaniġġjaw in-netwerk Natura 2000 tajjeb biżżejjed. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti, il-partijiet interessati u l-Istati Membri ġirien ma ġietx żviluppata biżżejjed. Il-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa ddewwmu wisq ta' spiss jew ma ġewx definiti kif xieraq. L-Istati Membri li żorna ma vvalutawx b'mod adegwat il-proġetti li għandhom impatt fuq is-siti Natura 2000. Għalkemm il-Kummissjoni kienet qed tissorvelja lill-Istati Membri b'mod attiv, kien hemm lok biex il-gwida tagħha tiġi kkomunikata aħjar. Il-Kummissjoni ttrattat għadd kbir ta' lmenti, u ġeneralment sabet soluzzjonijiet mal-Istati Membri jew nediet proċeduri ta' ksur fejn kien meħtieġ.

Il-fondi tal-UE ma ġewx mobilizzati tajjeb biex jappoġġaw il-ġestjoni tan-netwerk, qalu l-awdituri. L-approċċ li ttieħed kien li l-Istati Membri jużaw il-fondi eżistenti tal-UE minbarra l-fondi proprji

***L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***

*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](www.eca.europa.eu).*


# ECA Press

**Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063 M: (+352) 691 55 30 63**
**Damijan Fišer – Uffiċjal tal-istampaT: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24**
**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu**

tagħhom, u l-awdituri sabu nuqqas ta' informazzjoni affidabbli dwar l-ispejjeż tan-netwerk u dwar il-ħtiġijiet tiegħu ta' finanzjament. Ma kienx hemm stampa sħiħa tal-finanzjament li fil-fatt sar mill-UE sal-2013, u lanqas tal-allokazzjoni ta' fondi li kienet ippjanata għall-2014-2020. Fil-livell tas-siti, il-pjanijiet ta' ġestjoni rarament taw valutazzjonijiet kompleti tal-ispejjeż. Id-dokumenti ta' programmazzjoni għall-2014-2020 ma rriflettewx kompletament il-ħtiġijiet ta' finanzjament, u l-Kummissjoni ma indirizzatx dawn id-dgħufijiet b'mod strutturat. L-iskemi ta' finanzjament tal-UE ma kinux adattati biżżejjed għall-objettivi tas-siti.

Is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' rappurtar ma kinux adegwati: ma kienx hemm sistema speċifika ta' indikaturi tal-prestazzjoni għall-użu tal-fondi tal-UE. L-indikaturi fil-livell tal-programmi ta' finanzjament kienu relatati ma' objettivi ġenerali tal-bijodiversità u mhux mar-riżultati ta' konservazzjoni tan-netwerk. Spiss, il-pjanijiet ta' monitoraġġ tas-siti ma ġewx inklużi fid-dokumenti ta' ġestjoni. *Data* bażika dwar il-karatteristiċi tas-siti ġeneralment ma ġietx aġġornata wara l-attivitajiet ta' monitoraġġ. Wisq ta' spiss, id-*data* li ġiet irrappurtata mill-Istati Membri ma kinitx kompleta, u l-kumparabbiltà baqgħet diffikultuża.

L-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, bl-għan li jgħinu biex tinkiseb implimentazzjoni sħiħa tad-Direttivi dwar in-Natura, biex jiġu kkjarifikati l-finanzjament u l-kontabbiltà tan-netwerk Natura 2000, u biex jitkejlu aħjar ir-riżultati miksuba minnu.

**Noti lill-Edituri**

It-telf tal-bijodiversità huwa wieħed mill-isfidi ambjentali prinċipali li qed tiffaċċja l-UE. In-netwerk Natura 2000 ġie stabbilit taħt id-Direttiva dwar l-Għasafar u d-Direttiva dwar il-Ħabitats bħala element ewlieni tal-istrateġija tal-UE għall-2020 biex twaqqaf it-telf tal-bijodiversità u ttejjeb l-istatus tal-ħabitats u tal-ispeċijiet.

Id-Direttivi jipprovdu qafas komuni għall-protezzjoni tan-natura fl-Istati Membri. In-netwerk Natura 2000 għandu aktar minn 27 000 sit madwar l-Ewropa kollha, li jipproteġu diversi ħabitats u speċijiet, u li jkopru aktar minn 18 % tat-territorju terrestri u madwar 6 % tat-territorju marittimu tal-UE. Attivitajiet soċjoekonomiċi mhumiex projbiti fuq is-siti, iżda l-Istati Membri jridu jiżguraw li s-siti ma jiddeterjorawx, u jieħdu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa biex l-ispeċijiet u l-ħabitats protetti jinżammu fi, jew jiġu ripristinati għal, stat ta' konservazzjoni favorevoli.

Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2017: "Jenħtieġ li jsiru aktar sforzi biex il-potenzjal sħiħ tan-netwerk Natura 2000 jiġi implimentat" se jkun disponibbli fuq eca.europa.eu bi 23 lingwa tal-UE.